## ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

### LIR-REVERENDI ARĊIPRIETI, KAPPILLANI, RETTURI TA' KNEJJES U SUPERJURI RELIĠJUŻI

Mons. Arċisqof jixtieq jiġbed l-attenzjoni tas-saċerdoti u tar-reliġjużi fuq dan li ġej:

1. **Ċelebrazzjonijiet fil-lukandi.** Jidher li dan l-aħħar żmien saru reklami ta' 'quddies' marbut ma' *buffet* f'xi lukandi nhar ta' Ħadd. Fil-fatt iċ-ċelebrant ma kienx saċerdot Kattoliku. Diversi nies li attendew ħasbu li kienet quddiesa ċċelebrata minn saċerdot Kattoliku. Għalhekk fil-kuntatti tagħna, fejn ikun il-każ, għandna ninfurmaw lin-nies involuti li dik reklamata bħala quddiesa m'hijiex fil-fatt quddiesa ċċelebrata minn saċerdot Kattoliku. Infakkru wkoll li f'każijiet ta' quddies f'lukandi, min iqaddes għandu jkollu l-awtorizzazzjoni neċessarja.

2. **Rappreżentazzjonijiet bl-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira.** Qed jiżdiedu r-rappreżentazzjonijiet bl-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira f'postijiet diversi. Is-saċerdoti u r-reliġjużi m'għandhomx jieħdu sehem f'rappreżentazzjonijiet, f'purċissjonijiet u f'manifestazzjonijiet ta' dan it-tip meta dawn m'humiex awtorizzati mill-Knisja.

Min ikun jeħtieġ kjarifika fuq dawn iż-żewġ punti hu mitlub jikkuntattjana.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, Floriana, illum 25 ta' Jannar 2016.

| | |
|---|---|
| Lawrence Gatt | Joe Galea Curmi |
| Kanċillier | Vigarju Ġenerali |